**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Novembru 2017**

**Talba Nru: 445/17 CZ**

**Big Exhibits Limited (C 43597)**

**vs.**

**John Wilson Independent Studios Limited (C 59122)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-15 ta' Settembru 2017 u li permezz taghha premettiet illi:

Is-soċjetà intimata għandha tiġi kkundannata tħallas l-ammont globali ta' elf, erba' mija u sebgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€1,457.35) (inkluż il-VAT) rappreżentanti l-valur ta' servizzi reżi u prodotti mibjugħin u kkonsenjati lilha fuq inkarigu u skond l-istruzzjonijiet tagħha stess, u dan kif jirriżulta mill-fatturi relattivi, kopji ta' liema huma hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok BE 3' – 'Dok. BE 6', kif ukoll mir-rendikont hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. BE 7', liema dejn baqa' ma ġiex saldat mis-soċjetà intimata minkejja diversi interpellazzjonijiet u wegħdiet ta' ħlas f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk relattivi għall-Ittra Uffiċjali bin-numru 497/2017 intavolata fl-ismijiet fuq premessi a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-imgħax legali mid-data ta' meta l-ammonti kostituttivi reklamati mis-soċjetà attriċi saru dovuti lilha sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont globali hawn reklamat fl-intier tiegħu, kontra s-soċjetà intimata, u bl-inġunzjoni ta' rappreżentanti tagħha għas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentax risposta u lanqas deher rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sebgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€1,457.35) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur